



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-240/16 P

Vedran Vidmar et

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rikors għad-danni – Att ta’ adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea – Impenji dwar strateġija ta’ riforma ġudizzjarja – Ħolqien segwit bl-eliminazzjoni tal-funzjoni ta’ aġent pubbliku ta’ eżekuzzjoni – Dannu subit mill-persuni maħtura bħala aġenti pubbliċi ta’ eżekuzzjoni – Monitoraġġ mhux żbaljat tal-impenji tar-Repubblika tal-Kroazja mill-Kummissjoni Ewropea – Ċaħda tar-rikors – Appell manifestament inammissibbli”

Sommarju – Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-1 ta’ Frar 2017

1. *Appell – Motivi – Assenza ta’ identifikazzjoni tal-iżball ta’ liġi invokat – Inammissibbiltà*

(Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 168(1)(d) u 169)

2. *Appell – Motivi – Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti sottomessi lill-Qorti Ġenerali – Esklużjoni ħlief fil-każ ta’ żnaturament – Stħarriġ tal-klassifikazzjoni ġuridika mogħtija lill-fatti tat-tilwima – Inklużjoni*

(It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58)

1. Appell għandu jindika b’mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li qed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti ġuridiċi li jsostnu b’mod speċifiku din it-talba. Aggravju li ma jinkludi ebda argument legali intiż li juri kif il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi u li jikkostitwixxi sempliċi talba għal eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza, bi ksur tar-rekwiżiti imposti kemm mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mir-Regoli tal-Proċedura tagħha, ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

(ara l-punt 23)

2. Mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mill-Artikolu 58(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni sħiħa, minn naħa, sabiex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-osservazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li ġew ippreżentati quddiemha u, min-naħa l-oħra, sabiex tevalwa dawn il-fatti. Ladarba l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li teżerċita, skont l-imsemmi Artikolu 256, stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni ġuridika ta’ dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta’ liġi li waslet għalihom il-Qorti Ġenerali.

(ara l-punt 24)